# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 23 ta' April 2001**

**Avviz. numru 1281/00**

**Numru 31**

**Mirabel Distributors Limited**

**vs**

**Michael Ciappara**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf lira Maltija (Lm1000) rappresentanti l-bilanc fuq bejgh lill-konvenut ta' minerali u prodotti ohra tad-ditta Simonds Farsons Cisk Plc, ghall-uzu mill-konvenut fil-Euro Club Hotel.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali tal-24 ta' Lulju, 2000, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istess Ittra Ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-28 ta' Marzu 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm1000.00,0 bl-imghaxijiet legali mill-24 ta’ Lulju 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta’ Lulju 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg